


# 90 Sena ta' Storja – Id-Dokumentarju

Simon Vella Gregory

Il-Ħadd 24 t'April 2016 fis-siegħa ta' wara nofsinhar, fi Sqaq Awżara feġġ kapolavur, xogħol Pietru Felici. 90 sena wara li feġġet għaqda meta ulied Qriema ingħaqdu flimkien, minn fejn bdew jiktbu l-istorja tal-piroteknika għal din il-belt.

Storja b'emozzjonijiet differenti, ferħ, niket imma fuq kollox snin ta' sodisfazzjon. Mill-1926 bdiet tiffunzjona is-St. Georges Fireworks Factory, pijunieri tal-Piroteknika f'Malta.

## Il-bidu

Il-ħajra għall-piroteknika fil-Parroċċa ta' San Ġorġ bdiet qabel is-sena 1926. Il-Qriema riedu li jagħmlu dak kollu possibbli biex il-festa tal-patrun tingħata l-importanza mistħoqqa.

L-imħabba għall-piroteknika kienet diġà teżisti. Tant hu hekk li nies min-naħa tal-wied kienu waqfu każin li kien iffukat iktar fuq in-nar tal-festa. Dan il-każin insibuh bl-isem ta' Vallone, każin li konna nsibuh lejn l-inħawi tal-wied. Tant hu hekk li lejn dawn l-inħawi konna diġà insibu xi tip ta' maħżen fejn jinħażen in-nar. l-għalqa fejn kien hemm dan il-post kienet mikrija.

Kien fl-1926 li l-kumitat tal-Festa kien inkariga l-ewwel Qriema biex jieħdu ħsieb kamra tan-nar. Dak iż-żmien nafu li n-nar kien jinħadem l-iktar mit-Taljani. Kienu jinġiebu apposta biex għal festa tal-Patrun tal-Qriema kien ikun attrazzjoni partikolari.

Pawlu Sammut, jirrakkonta kif il-Qriema kienu jġibu esperti Taljani minn ġimgħat qabel il-festa biex jippreparaw ħarqa tajba għall-jiem tal-festa.

Fl-ewwel sentejn tagħha l-Kamra tan-nar sabet l-ewwel intopp, riħ qawwi kien ġarraf il-post fejn kien jinħadem u jitqiegħed in-nar. Imma l-maltemp għadda u l-Qriema bl-għajnuna tat-Taljani komplew joffru spettaklu wara l-ieħor. Insibu



*Wieħed mill-ewwel disinji movimentati fil-ħarqa tal-Gioco di Fuoco*

mniżżel li l-ispettaklu tal-*Gioco di Fuoco* kien jattira l-eluf lejn Ħal Qormi. Fil-fatt insibu dokumentazzjoni li tindika dan.

Il-folol kienu jattendu għax it-Taljani kienu joffru spettakli uniċi. Kienu xogħlijiet li għal Maltin ta' dak iż-żmien kienu meravilja. Leli Debono ta' Nora wieħed mill-veterani f'Ħal Qormi jirrakkonta kif kien isir xogħol bażiku u sempliċi, li imma kien attrazzjoni.

Maż-żmien ix-xogħol kompla jikber u forsi ikkumplika ftit ruħu… imma xejn ma għandu x'jaqsam man-nar li nsibu llum il-ġurnata. Bdejna naraw nar tal-art jieħu l-forma ta' xi ħaġa. Leli Debono jirrakkonta kif hu jiftakar li l-ewwel disinn kien Patist isinn is-skieken. Nar tal-ajru kien hemm ftit li xejn, bil-maskli jibqgħu l-ħoss tal-festa.

Xejn ma kien faċli, il-Qriema riedu jitgħallmu imma ma qatgħux qalbhom u dan minkejja n-nuqqas ta' riżorsi.

## Is-snin tal-Gwerra

Waslu s-snin tal-Gwerra, snin li f'Malta tista' tgħid kull attività rat it-tmiem tagħha, anke l-kamra tan-nar kienet sabet intopp. L-ewwel ma' ġara kienu twaqqfu t-Taljani li jiġu Malta. Fi żmien il-Gwerra wkoll il-*Colonial Office* kien irrekwiżizzjona l-post tan-nar. Imma l-Gwerra għaddiet, il-ħidma reġgħet bdiet u tista' tgħid li bdew snin importanti ħafna għall-kamra tan-nar. Bdew ġejjin ordnijiet minn kullimkien. Il-kamra tan-nar reġgħet saret il-prijorità.

Ħal Qormi f'dawn is-snin mhux biss kien pijunier fil-piroteknika, imma anke fit-termini li jintużaw. Kemm-il darba smajna t-terminu kaxxa infernali imma ftit nafu li dak it-terminu oriġini minn din il-kamra tan-nar. Dan seħħ minħabba li kien hemm minn qabbel l-ispettaklu ta' nirien fi smewwiet mal-infern. Anke l-frażi kaxxa Spanjola, bdiet minn din il-kamra. Dan minħabba l-istorbju u l-ħoss tal-kaxxa li qabluha ma' batterija Spanjola fi żmien li kien hemm il-Gwerra fi Spanja.


*It-terminu Kaxxa Spanjola oriġina minn din il-kamra tan-nar*

Insibu li fis-snin ta' wara l-Gwerra l-għaqda kienet involuta wkoll f'festeġjamenti kbar. Fost oħrajn meta ġiet inkurunata r-Reġina Elizabetta it-tieni, u anke f'festi speċjali tal-Festa tal-patrun tagħha.

## Is-snin ta' wara l-Gwerra

Fit-tieni nofs tas-snin ħamsin, il-kamra tan-nar ta' San Ġorġ kienet diġà ħadet il-fama għal xi xogħol ta' murtali partikolari, il-murtali taċ-ċilindru. Dawn kienu murtali tal-kulur li ftit kienu jsiru minnhom imma kienu ta' attrazzjoni għall-bosta dilettanti.

Bejn is-snin 1956 u l-1958 il-kamra tan-nar ħadet xokk. F'dawn is-snin kien hemm żewġ inċidenti li ħasdu l-ħajja ta' membri attivi ta' din il-kamra tan-nar.

Din is-sena rat ukoll iż-żmien li Alfred Mangion wieħed mid-Detenuri tal-Post tan-nar tela' lejn il-Kamra tan-nar.

Fil-bidu tas-snin sittin in-nar tal-kulur kien skars, kien isir biss lejlet il-festa u nhara, imma

murtali tal-kulur kien ftit li xejn. L-iktar li kien isir xogħol kien isir dak li jinħadem għal bi nhar. Ir-riżorsi kienu skarsi u għalhekk kienu jagħfsu fuq xogħol tal-beraq.

Fis-snin ta' wara, fis-snin sittin wieħed mid-detenuri kien Salvu Baldacchino magħruf bħala l-Mejlaq. Bniedem li kien igawdi rispett kbir min-nies ta' madwaru u deskritt bħala missier.

Kien bniedem li kien immotiva lill-attivisti tal-kamra tan-nar u kien ukoll wieħed mill-pijunieri ta' ċertu xogħol li kien isir għall-festa ta' San Ġorġ. F'dan iż-żmien il-kamra tan-nar ta' San Ġorġ bdiet ukoll tagħmel xi xogħol għal barra. Fost oħrajn kien sar xogħol għall-festa ta' San Ġużepp fil-Qala Għawdex.



*Is-snin 1956 u 1958 kienu snin li fihom l-għaqda rat żewġ inċidenti fatali*

Fis-snin sittin ukoll madwar ir-raħal kien għad hawn nies li kienu għadhom jaħdmu n-nar fl-għelieqi, mhux darba u tnejn ġara xi inċident. Imma l-kriżi politika ta' dak iż-żmien wasslet biex kien hawn ukoll ħafna rapporti indirizzati lejn dawk li kienu jaħdmu llegalment. Għalhekk f'dawn is-snin ħafna kienu rrikorrew lejn il-kamra tan-nar biex ix-xogħol tagħhom ikompluh b'mod leġittimu.

Li bniedem kien jitla' fil-kamra tan-nar dak iż-żmien kienet tfisser ukoll xogħol iebes, fost oħrajn it-tkissir tal-porvli fuq il-meris. Makkinarju kien jeżisti ftit li xejn u għalhekk il-ħajja tad-dilettant ma kienet xejn faċli.

Hekk kif il-kamra tan-nar issa kienet bdiet rittmu tajjeb f'dak li hu xogħol il-bidu tas-snin sebgħin ra incident ieħor iseħħ, b'mod misterjuż il-kamra tan-nar kienet splodiet matul il-lejl.

Imma dan l-inċident ma qatgħax qalb id-dilettanti. L-għada stess kien reġa' beda l-bini mill-ġdid tal-post tan-nar. Proċess li iżda wassal biex iż-żmien li kienet se tkun iċċelebrata l-festa ġie pospost bi ftit xhur. Għalhekk il-festa ta' dik is-sena kienet ġiet iċċelebrata f'Settembru.

Il-bini ta' post ġdid fisser li issa l-kamra tan-nar bdiet tkabbar u tespandi l-ħidma tagħha, bdiet tesplora modi kif tista' tkabbar il-festa. Hawnhekk il-kamra tan-nar bdiet iżżid il-programm tagħha fost oħrajn bl-introduzzjoni tal-kaxxi fil-jiem tat-Tridu.

Xi ħaġa li kompliet tispikka f'dan kollu kienu l-kuluri mill-isbaħ li din l-għaqda kienet tħallat, kuluri ta' kwalità. Sa mill-bidu ta' din



*Lejn tmiem is-snin 70 u l-bidu tas-snin 80, l-għaqda kienet f'mumenti mill-isbaħ*

l-għaqda, il-membri tgħallmu riċetti u teknika li kienu jużaw it-Taljani u għalhekk din kompliet matul is-snin. Kienu żviluppaw kuluri li f'Malta kien hawn ftit li xejn bħalhom.

Komplew igerbu is-snin u l-kwalità u l-kwantità komplew jiżdiedu... kienu snin sbieħ u li fihom bdiet it-tranżizzjoni minn ġenerazzjoni anzjana għal waħda aktar żagħżugħa. Ġenerazzjoni li wasslet biex il-festa ta' San Ġorġ tgawdi minn ammont sabiħ ta' nar. L-għaqda kienet tispikka, sena sħiħa l-membri jaħdmu bħal magna biex jiċċelebraw bl-aħjar mod il-festa tal-patrun tagħhom.


*L-isplużjoni tas-17 ta' Mejju tal-1982, ħalliet ħerba sħiħa*

## Is-snin tmenin u t-traġedja

Is-snin komplew igerrbu, is-suċċessi miksuba fis-snin sebgħin komplew anke fil-bidu tas-snin tmenin. In-nar kompla jiżdied, il-bidu tas-snin temin kienu karatterizzati minn ammont kbir ta' nar.

Bejn is-sena 1980 u s-sena 1982 kienu snin ta' għaqda kbira, kulħadd b'għan wieħed f'moħħu li l-festa ta' San Ġorġ tkompli tikber u żżid fil-popolarità.

Waslet is-sena 1982, il-preparamenti kienu għaddej bla waqfien. Kienet tispikka l-ħeġġa b'mod partikolari għal festa suċċess, kif kien ġara fis-snin ta' qabel. Iżda kollox inbidel nhar is-sbatax ta' Mejju 1982.

Joe Attard eks ħaddiem tal-Kamra tan-nar, jirrakkonta kif dakinhar hu kien tiela lejn il-kamra tan-nar wara ġurnata xogħol. Mal-wasla tiegħu fil-post tan-nar iltaqa' ma' Nenu Zammit. Nenu Zammit bħala raġel dħuli kien għajjat lil Joe Atttard ħdejh biex jgħidu kelma imma bi prudenza minħabba x-xogħol li kien qed isir Joe Attard baqa' sejjer fuq xogħolu, dakinhar kellu jippapoċja l-bomba.

Il-Ġurnata kienet waħda b'ċertu kalma u sħuna.

Dakinhar ukoll għall-ewwel darba lejn il-Kamra tan-Nar tela' żagħżugħ li qatt ma kien deher lejn il-kamra tan-nar. Dan kien Twanny Cefai. Dan iż-żagħżugħ imma fuq kollox missier ta' familja kien tela' biex ikellem lil zijuh minħabba xi xogħol relatat ma' arblu tal-festa.


*Il-blast tal-isplużjoni kien qawwi ħafna*

Waqt li kien għaddej dan kollu d-detenur tal-kamra tan-nar ried imur qadja Ħal Kirkop, biex iġib xkora faħam. Minn dan il-ħin 'il quddiem tibda waħda mill-akbar traġedji tan-nar li qatt laqtu lill-poplu Qormi.

Dawk li kienu fil-kamra tan-nar

dak il-ħin jirrakkontaw kif semgħu bħal tħaxwix ġej minn fejn kien hemm Nenu Zammit. Xħin ittawlu indunaw li kienet marret xi ħaġa ħażina fil-kamra fejn kien hemm qed jaħdem Nenu Zammit. Dak il-ħin jirrakkontaw kif quddiem għajnejhom raw splużjoni sseħħ.

Joe Attard jgħid li quddiem għajnejh ra ħerba sħiħa. Kamra tiġġarraf u ssir borġ ġebel. Il-blast kien qawwi ħafna tant li lil dawk li kienu qrib l-inċident remijhom madwar tliet għelieqi l-bogħod. Dan minħabba li wara l-kamra tal-kulur sploda wkoll il-post tan-nar.



*Il-kamra tan-nar ftit jiem qabel id-diżgrazzja tas-17 ta' Mejju*

Sadanittant iż-żagħżugħ li kien resaq l-ewwel darba lejn il-kamra tan-nar ħadd ma kien jaf fejnu. Kollox kien jindika li Twanny Cefai kien inqabad fit-tiġrif tal-maħżen li ġġarraf bil-blast. It-traġedja kienet tkun ferm akbar li kieku sploda wkoll il-maħżen, dan għaliex fih kien hemm ammont konsiderevoli ta' nar.

Dik li kienet se tkun festa kbira issa spiċċat fix-xejn, b'kollox għal dik is-sena din l-għaqda kienet qed tiprepara ħarqa kbira, dawk li kienu qed jaħdmu għal dik is-sena kienu kkalkulaw li murtaletti kien hemm mas-700.

Ma' Nenu Zammit u Twanny Cefai kien miet ukoll Ġużeppi Agius li kien fil-qalba tal-inċident hu wkoll.

Il-funerali tat-tliet vittmi jibqgħu jissemmew għall-ammonti kbar ta' nies li attiraw, eluf ħonqu Ħal Qormi biex sellmu lil dawn it-tlieta min-nies.

Huma ngħaqdu ma' eroj oħrajn li ħallewna fis-snin ta' qabel biex ikabbru l-festa tal-Patrun dawn kienu: Kelinu Zammit (ta' Xiffa), Anġlu Fava (iż-Żepp) Karmenu Sammut (id-Dingli) u Gio Maria Zammit (iċ-Ċojja).



NENU ZAMMIT
li miet fis-17 ta' Mejju 1982
fl-età ta' 38 sena.
Halla jibku t-telfa tiegħu
lil martu, lill ġenituri,
lil ħutu,
bosta qraba u ħbieb.

TWANNY CEFAI
li miet fis-17 ta' Mejju 1982
fl-età ta' 27 sena.
Halla jibku t-telfa tiegħu
lil martu, lil uliedu,
lill ġenituri, lil ħutu,
bosta qraba u ħbieb.

GUZEPPI AGIUS
li miet fil-21 ta' Mejju 1982
fl-età ta' 62 sena.
Halla jibku t-telfa tiegħu
lil zijtu,
ħutu,
bosta qraba u ħbieb.

*It-Tliet vittmi, Nenu Zammit, Twanny Cefai u Ġużeppi Agius*

## Qawmien mill-ġdid

It-traġedja ħalliet il-vojt, kulħadd imbellaħ, ħadd ma ried jersaq lejn il-kamra tan-nar. Kienet kbira wisq it-trawma li kulħadd kien għadda minnha.

Issa kienet sfida kbira għaliex il-membri ta' din l-għaqda riedu jerġgħu jibdew mix-xejn, kollox kien spiċċa.

Issa reġa' beda l-proċess biex tkun identifikata għalqa ġdida, riedu art biex mill-ġdid terga titla' l-kamra tan-nar possibilment kamra aktar moderna u komda minn dik li kien hemm qabel.

Wara ħafna proċessi f'Novembru tal-1985. L-għalqa saret propjetà tal-Għaqda.

Din l-għalqa kienet instabet biswit dik li l-għaqda kellha diġà. Kienet għalqa aktar komda u għalqa li kienet sublimi għal ħtiġijiet tal-manifattura tal-logħob tan-nar.

F'dawn is-snin diffiċli għall-għaqda tan-nar kienu strumentali n-nies tal-Qrendi, tal-Każin ta' Lourdes. Kienu hemm, kienu ta' sostenn għall-membri li kienu baqgħu jaħdmu n-nar għall-festa minkejja li f'Ħal Qormi San Ġorġ ma kienx hemm kamra tan-nar.

Eventwalment inħareġ il-permess tal-post il-ġdid, u hawn il-Qriema nħakkmu minn entużjażmu. Il-volontiera u l-ħaddiema bdew ġejjin minn kullimkien. Xogħol ma jaqta' xejn biex fi ftit xhur setgħu jibnu kumpless li f'Malta ftit insibu bħalu.

Wara xhur ta' ħidma, f'Mejju tal-1986 sa fl-aħħar wasal jum l-inawgurazzjoni, il-Ġorjġjaniżi reġa' kellhom il-post tan-nar tagħhom. Dik li kienet ħolma issa saret realtà.



*Il-permess ta' bini ta' kamra tan-nar ġdid kien nissel entużjażmu kbir*



*Kienu diversi l-voluntiera mhux biss ħaddiema tan-nar*




*Il-post lest minn kollox ftit jiem qabel ma nfetaħ fis-sena 1982*

Wara li nġieb il-permess tal-post tan-nar kien imiss li l-kamra tan-nar tingħadda f'idejn Ninu Farrugia, il-Balond.

Kienu snin li fihom reġa' kien hemm rinaxximent, l-għaqda tan-nar reġgħet kienet involuta f'attivitajiet ta' livell nazzjonali. Fost oħrajn din l-għaqda kienet ħadet sehem fil-festi li fakkru l-25 anniversarju ta' Malta Indipendenti.

Il-Kamra tan-nar issa kellha grupp kbir ta' nies. Nies qalbiena li kienu jagħmlu sagrifiċċji kbar.

Ninu Farrugia jfisser kif li jkun detenur fisser li kellu jabbanduna kollox u jiddediku ruħu għal post tan-nar. Kien żmien li mill-ġdid reġa' kien hemm entużjażmu.

## Is-snin 90, il-preżent u l-futur

Taħt Ninu Farrugia din il-kamra tan-nar introduċiet il-baraxxijiet. Kienet sistema ġdida ta' kif kien jinħaraq in-nar filwaqt li joffri tip ta' spettaklu ġdid. Kienet sistema bażika imma bl-esperjenza sarfuha f'sistema li toffri spettaklu.

F'dawn is-snin anke l-introjtu tal-għaqda kien mhux ħażin. Kien isir ġbir b'mod regolari biex il-kamra tan-nar tibqa' għaddejja bir-ritmu li tkun qabdet.

Dan kien jinvolvi responsabbiltà ikbar fuq id-detenuri, li komplew ikabbru l-ħidma tal-għaqda. U l-festa ħadet spinta kbira 'l quddiem.



*Fis-sena 1989 l-għaqda ħadet sehem fil-festa tal-25 anniversarju mill-kisba tal-Indipendenza*

Is-snin disgħin komplew jattiraw aktar nies lejn il-kamra tan-nar u eventwalment rajna wkoll li t-tmexxija tal-kamra tgħaddi f'idejn Alfred Falzon ix-Xakkaj.

Xi ħaġa li kienet u għadha tagħti sodisfazzjon lil kull detenur hu l-fatt li tgħaddi sena ma jweġġa' ħadd f'din il-ħidma hekk sensittiva.

Imma l-ħidma tal-kamra tan-nar ma għadhiex dik li kienet fis-snin imgħoddija, il-ħidma evolviet. Komplejna naraw l-introduzzjoni ta' aktar xogħol ġdid u wkoll rajna l-introduzzjoni tal-*pyro-musical shows*.

Fis-sena 2013 din il-kamra tan-nar rat ukoll l-introduzzjoni ta' kunċett ieħor fil-mod kif tagħti spettaklu. Kien hemm l-introduzzjoni ta' Diamonds in the Sky... spettaklu li fetaħ bibien ġodda għal din l-għaqda. Kien pass sinifikanti biex l-għaqda kompliet



*Għall-ewwel darba li ħadet sehem l-għaqda kienet kisbet it-tieni post u rebħet l-premju tat-televoting*

tikteb l-istorja tagħha b'ittri tad-deheb.

Eventwalment kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni tal-Għaqda tan-nar 23 t'April f'kompetizzjoni lokali. Kompetizzjoni li mill-ewwel tat riżultati pożittivi. Fil-fatt din l-għaqda f'din il-kompetizzjoni spiċċat fit-tieni post u kisbet l-ewwel post fit-*televoting*.

Dawk l-avveninemti wasslu wkoll biex l-għaqda għal darba oħra reġgħet kienet parti mill-kitba tal-istorja ta' pajjiżna. Fil-fatt għal darba oħra kienet strumentali fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħamsin anniversarju mill-kisba tal-indipendenza u wkoll kienet hemm fiċ-ċelebrazzjonijiet fit-tifkira ta' Malta Repubblika.

Kienet ukoll hemm waqt ftuħ ta' postijiet importanti għall-ekonomija Maltija. Fil-fatt ipparteċipat fil-ftuħ tal-lukanda DB San Antonio.

Dan kollu fisser introduzzjoni ta' xogħol ġdid li forsi din l-għaqda qabel ma kinitx taħdmu. Dan kollu wassal biex bħala kmara din reġgħet bdiet tikber fil-popolarità u qed terġa' tikseb isem partikolari.

Dan iżda jinvolvi ammont kbir ta' finanzi u l-poplu Qormi għadu jkun ta' sostenn. Il-futur għalhekk hu jidher inkoraġġanti. Din l-għaqda għadha qed tattira ammont kbir ta' żgħażagħ lejha. Iżda fuq kollox is-suċċess qed jinkiseb permezz tal-għaqda li teżisti. Festa wara festa qed tagħti sodisfazzjon.

Din is-sena stess l-għaqda kkonfermat suċċess ieħor. Dan hekk kif spiċċat fit-tieni post fil-festival Internazzjonali tal-logħob tan-nar.

Imma minkejja s-suċċessi miksuba din is-sena, issa l-istennija hi għal festa ta' San Ġorġ, u minkejja l-impenji li kien hemm din is-sena x-xogħol ma naqasx. Dan hekk kif għall-festa mistennija li jkun hemm sorpriżi kbar.



*L-għaqda ħadet ukoll sehem fil-ftuħ ta' postijiet importanti għall-ekonomija Maltija*




*Il-Licensee George Cortis jirċievi l-premju tat-tieni post fil-festival internazzjonali ta' din is-sena*

Għalhekk din il-kamra tan-nar li twaqfet disgħin sena ilu mistennija tkompli taħdem biex bħalma sar minn dawk li ġew qabilna l-membri ta' din l-għaqda ikomplu jiktbu l-istorja b'ittri tad-deheb.